MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 8/2005

**Citadel Insurance Plc.**

**-vs-**

**Anthony Camilleri.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-6 ta' Jannar, 2005 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi fit-13 ta' Jannar, 2003 is-socjeta' attrici tramite s-servizzi ta' Assikura Insurance Brokers Limited harget polza tal-assikurazzjoni tat-tip 'fully comprehensive' Numru PCRC/28/04/100845 lill-konvenut odjern fejn assikurat il-vettura tieghu bil-marka Peugeot 307 X5 numru ta' registrazzjoni FIO-007 (Dok. 'A').

U illi l-imsemmija polza hija nulla u minghajr effett fil-ligi stante li harget b'qerq prattikat mill-konvenut u/jew ghaliex l-istess konvenut naqas li jizvela informazzjoni materjali li kienet mistennija tikkundizzjona d-decizjoni tas-socjeta' attrici li tohrog polza tal-assikurazzjoni.

U illi l-konvenut ta *inoltre* informazzjoni inveritiera ghal domanda espressa kontenuta fil-'proposal form' (Dok. 'B') u dan billi meta l-konvenut espressament mistoqsi jghid jekk huwa jew xi sewwieq awtorizzat kellux "accident/loss" fl-ahhar hames snin huwa wiegeb fin-negattiv meta fil-fatt, kif ser jirrizulta matul is-smiegh tal-kawza, huwa kellu jwiegeb fl-affermattiv.

U illi dan l-agir da parti tal-konvenut jammonta ghal habi ta' fatti sostanzjali u/jew rapprezentazzjoni ta' fatti li kienu falzi f'partikularita' sostanzjali u jaghti b'hekk lis-socjeta' attrici l-jedd skond il-ligi li tannulla l-polza surreferita.

U illi fi kwalunkwe kaz il-konvenut naqas milli jezercita kemm qabel kif ukoll wara l-hrug tal-imsemmija polza tal-assikurazzjoni l-'uberrima fidae' rikjesta minnu mil-ligi.

U illi s-socjeta' attrici pprocediet sabiex tikkancella 'ab initio' l-polza imsemmija u dan ukoll skond il-kondizzjonijiet tal-istess polza.

U illi debitament interpellat sabiex jirritorna c-certifikat originali tal-assikurazzjoni bin-numru SCH 037450 mahrug u kkonsenjat lilu mis-socjeta' attrici jew, jekk dan jirrizulta mitluf jew distrutt, li jaghmel u jaghti lis-socjeta' attrici dikjarazzjoni mahlufa f'dan is-sens, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara illi l-polza tal-assigurazzjoni bin-numru PCRC

28/04/100845 li tkopri l-uzu tal-vettura Peugeot 307 bin-numru ta' registrazzjoni FIO-007 nharget b'qerq pratikat mill-konvenut u/jew ghaliex il-konvenut naqas milli jizvela informazzjoni materjali li kienet mistennija tikkundizzjoni d-decizjoni tas-socjeta' attrici li tohrog tali polza u/jew ghaliex il-konvenut ta informazzjoni inveritieri ghal domanda espressa kontenuta fil-'proposal form' u/jew li fi kwalunkwe kaz il-konvenut naqas milli jezercita kemm qabel kif ukoll wara l-hrug tal-imsemmi polza tal-assikurazzjoni l-'uberrima fidae' rikjesta minnu mil-ligi;

2. Tiddikjara li l-istess polza giet ghalhekk validament kancellata 'ab initio' skond il-kundizzjonijiet tal-istess polza u skond il-ligi;

3. Tordna lill-konvenut jirritorna c-certifikat originali tal-assigurazzjoni bin-numru SCH 037450 mahrug u kkonsenjat lil konvenut mis-socjeta' attrici jew jekk dan jirrizulta mitluf jew distrutt, li jaghmel u jaghti lis-socjeta' attrici dikjarazzjoni mahlufa f'dan is-sens.

Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Dr. Edmond Zammit Laferla, I.D. 294476(M) u l-lista tax-xhieda.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat naqas illi jippresenta nota tal-eccezzjonijiet u kwindi baqa' kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' April 2005 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li xehed John Buttigieg prodott mis-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici m'hijiex kontradetta.

**Tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici kollha bl-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------